Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 20 ta' Mejju, 2024**

**Seduta Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Versus**

**Gordon Camenzuli**
**(498671M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Gordon Camenzuli**, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 498671M.

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Lulju 2022, ghall-habta ta' 02:30hrs bhala l-persuna responsabli mill-istabiliment bl-isem Carcass, The City Bar, Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta :

1. Iggestixxa attivita kummercjali minn xi triq, liema attivita ma tkunx ezercitata minn xi suq fil-berah, gestixxa din l-attivita minghajr il-licenzja mill-Awtorita Regolatorju (Reg 25(1), L.S.441.07)

2. Daqq jew ippermetta li tindaqq muzika b'kull mezz gewwa l-post kummercjali msemmi, li huwa licenzjat sabiex tindaqq muzika amplifikata, b'tali mod li jinstema' minn barra l-post f'kull zsona u huwa projbit wara l-11.00p.m. (Reg. 6(4)(a)(b)(c), L.S. 441.08).

3. Xjentement ippermetta li diversi persuni ohra, li ma kienux regolarment impjegati fil-hanut, li jibqghu fil-hanut fil-hinijiet li dan kellu jinzamm maghluq, u halla li jinghata xorb, bl hlas jew b'xejn matul dawn il-hinijiet (Reg. 14, L.S.10.09)

4. Halla fil-hanut matul il-lejl, kant jew hsejjes qawwija li dejqu jew b'xi mod iehor iddisturbaw lill-girien.(Reg. 23, L.S.10.09)

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti rat l-affidavit ta' PS1144 D. Galea li fit-28 ta' Lulju 2022, waqt li kien fuq ronda fit-Triq id-Dejqa , Valletta, ghal habta tas-2.30 ta' filghodu gie innotat li Carcass, City Bar, kien ghadu qed jopera normali u kellu muzika amplifikata qieghda tindaqq u tinstema minn barra. Fit-triq faccatta tal-istabilment kien hemm madwar ghoxrin klijent mdawrin ma' l-imwejjed tal-istabbilment. Gie mitkellem Gordon Camenzuli, sid l-istabilment fejn inghata struzzjonijiet sabiex jieqaf jopera u jitfi l-muzika. Camenzuli obda dawn l-istruzzjonijiet u l-Pulizija baqghu fuq il-post sakemm gie maghluq kompletament fit-3.00am.

Gie ipprezentat affidavit, flimkien mal-kopja tal-licenzja tal-fond bl-isem Carcass The City Bar, minn Malcolm Zerafa rapprezentant tal-Malta Tourism Authority

**Ikkunsidrat**

Illi mill-Affidavit tal-Pulizija jirrizulta illi fit-28 ta' Lulju 2022, ghal-habta tas-2.30am l-istabbiliment Carcas kien ghadu jopera, u kellu l-muzika amplifikata li kienet qieghda tinstema' minn barra. Il-Pulizija baqghu hemm sakemm il-post inghalaq fit-3.00am. Skond il-licenzja tal-MTA moghtija lil dan l-istabbiliment, ma setghetx tindaqq muzika wara l-11.00pm, kif ukoll ma' kellhomx jithallew mwejjed u siggijiet u jigu servuti l-klijenti barra, wara dan il-hin.

Illi l-ewwel akkuza hija dwar min jiggestixxi xi attivita' kummercjali fit-triq li, f'dan il-kaz jidher illi ghalkemm kien hemm xi persuni barra madwar l-imwejjed tal-istess stabbiliment, ma' ngibet ebda prova li kienet qed issir xi attivita' kummercjali fit-triq u ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax.

Illi it-tieni akkuza tirrizulta mill-Affidavit ta' PS1144 fejn qal illi l-muzika kienet qed tinstema minn barra fis-2.30am, ghalkemm l-istess stabiliment m'ghandux licenzja valida sabiex ikun jistgha jdoqq muzika amplifikata wara s-1 am, stante li l-istabbiliment jinstab l-Belt Valletta, kemm gewwa kif ukoll fuq barra.

Illi fl-affidavit ma' ssir l-ebda referenza dwar nies li kienu gewwa l-hanut meta saret l-ispezzjoni u ghalhekk it-tielet akkuza ukoll ma tirrizultax. Ir-raba' akkuza taghmel referenza ghal kant jew hsejjes ohra li jdejqu jew jiddisturbaw lill-girien, izda ma ngiebet ebda prova ta' dan id-disturb lil girien u ghalhekk din l-akkuza ma' gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed **tillibera lil imputat mill-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza**, u wara li rat Regolament 6(4)(a)(b)(ca) ta' L.S. 441.08 u Artikolu 18 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **imputat hati tat-tieni (2) akkuza** u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€ 500.00).

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**